MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru. 828/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**

**VS**

**SHIRLEY MICALLEF**
**(ID Nru. 343289M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 828/2013

Illum, 26 ta` Marzu, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Shirley Micallef, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 343289M.

**Akkuzata talli:**

1. Nhar it-tlettax (13) ta` Awwissu 2013 ghal habta ta` bejn is-sitta u nofs ta` filghaxija (18:30hrs) u s-sebgha` ta` filghaxija (19:00hrs), minn gewwa l-hanut bl-isem ta` **E jewels by Sterling** li jinsab Triq Bisazza, Sliema, ikkommettiet serq ta` curkett li jiswa madwar tliett mitt ewro (€300) liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ewro centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta` Giuseppe Attard u/jew persuna/i ohra;

2. Nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta` Awwissu 2013 ghal habta ta` bejn it-tlieta ta` wara nofsinhar (15:00hrs) minn gewwa l-hanut bl-isem ta` **Sterling Jewellers** li jinsab Triq San Gorg, San Giljan, ikkommettiet serq ta` curkett li jiswa madwar tlett mitt ewro (€300) liema serq huwa aggravat bil-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ewro centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sar ghad-detriment ta` Giuseppe Attard u/jew persuna/i ohra;

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta mposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Demicoli, LL.D., datata l-hdax (11) ta` Lulju, 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

4. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` ta` dawn il-persuni hawn fuq indikati.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (c), 267, 279 (a), 579, 49, 50 u 289 ta` Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li l-Qorti rat l-ammissjoni odjerna tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati, tiddeciedi billi tiddikjara li l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjonijiet lilha addebitati ma thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputata hatja kif akkuzata.

Ghaldaqstant dina l-Qorti tillibera lill-istess imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) snin mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta flimkien ma` ordni ta` *probation* fuq l-imputata kemm biex din is-sorveljanza sservi ta` mezz ta` kontroll fuqha kif ukoll biex isservi ta` ghajnuna u radizzar fl-imgieba tieghha ai terminu tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-progress tal-imputata kull tlett (3) xhur.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------